C/2024/783

11.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11375 — BLACKSTONE / VISTA / ENERGY EXEMPLAR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/783)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. (flimkien mal-affiljati tagħha "Blackstone", L-ISTATI UNITI),

— Vista Equity Partners Management, LLC (flimkien mal-affiljati tagħha "Vista", L-ISTATI UNITI),

— Simulation Software Holding Company Pty Ltd, ("Energy Exemplar", l-Awstralja), l-entità omm apikali tal-grupp ta' kumpaniji Energy Exemplar.

Blackstone u Vista se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Energy Exemplar.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Blackstone hija maniġer tal-assi alternattivi globali. Għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-Istati Uniti u għandha uffiċċji fl-Ewropa u fl-Asja.

— Vista hija ditta tal-investiment ibbażata fl-Istati Uniti ffukata fuq l-għoti tas-setgħa u t-tkabbir ta' negozji tas-software tal-intrapriża, tad-*data* u dawk abilitati bit-teknoloġija. Vista tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi fil-forniment ta' servizzi tal-IT bħall-forniment ta' software tan-negozji.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Energy Exemplar huma dawn li ġejjin: Energy Exemplar huwa fornitur ta' software tal-immudellar u tal-analitika tas-suq tal-enerġija biex jassisti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ippjanar tal-enerġija, fl-operazzjonijiet, u fl-investiment għall-klijenti tagħhom fis-setturi tal-elettriku, tal-ilma, tal-gass u tal-enerġija rinnovabbli. Energy Exemplar hija kumpanija Awstraljana bi preżenza globali.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11375 — BLACKSTONE / VISTA / ENERGY EXEMPLAR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË